# Il-Jum Dinji għall-għarfien dwar l-abbuż fuq l-anzjani

Diversi rapporti fuq il-media lokali urew li f'Malta, mill-2015 sal-ewwel ftit xhur ta' din is-sena, kien hawn madwar 1,756 każ ta' abbuż fuq anzjani ta' 65 sena jew aktar.[1] Fl-2020, il-pulizija f'Malta rċivew ftit inqas minn 200 rapport ta' vjolenza domestika fuq l-anzjani. Dawn in-numri qegħdin jiżdiedu kull sena meta mqabbla mal-121 rapport li l-pulizija rċiviet fl-2016.[2] Dan filwaqt li skont l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (l-WHO), 1 minn kull 6 persuni li għandhom 'il fuq minn 60 sena jsofri minn abbuż. Dan ifisser li kważi 141 miljun persuna fid-dinja huma vittmi ta' abbuż. Nifhmu li dan in-numru ta' vittmi jista' jkun ħafna ogħla minħabba nuqqas ta' rapportar.[3]

Huwa f'dan il-kuntest li t-Tlieta 15 ta' Ġunju 2021 ġie ċċelebrat *'Il-Jum Dinji għall-għarfien dwar l-abbuż fuq l-anzjani'*. L-abbuż fuq l-anzjani jista' jkun dirett, bħal abbuż fiżiku, verbali, sesswali, emozzjonali jew psikoloġiku kif ukoll indirett, billi l-anzjani ma jingħatawx il-kura u l-għajnuna dovuta lilhom minn dawk li suppost qegħdin jindukrawhom.

Dan l-abbuż jista' jsir kemm fid-djar residenzjali tal-anzjani, fid-dar tal-qraba tagħhom kif ukoll fid-dar tal-anzjani stess. Hemm ukoll l-abbuż finanzjarju fuq l-anzjani li jista' jsir kemm minn membri tal-familja tagħhom kif ukoll minn dawk li qegħdin jieħdu ħsiebhom. Dan it-tip ta' abbuż jinvolvi t-teħid jew l-użu ħażin ta' flus jew oġġetti materjali mingħajr il-permess tal-anzjani.[4]

Il-pandemija tal-COVID-19 ħolqot diversi sfidi fuq bosta persuni mhux b'inqas fost l-anzjani. L-anzjani mhumiex biss f'riskju għoli ta' mard serju u mortalità, iżda globalment dawn komplew jiffaċċjaw stigmatizzazzjoni u każi sproporzjonati ta' diskriminazzjoni abbażi ta' età. B'mod

[1] https://www.inewsmalta.com/2021/05/1756-kaz-ta-abbuz-fuq-anzjani-ta-65-sena-jew-aktar-mill-2015-l-hawn/
[2] https://timesofmalta.com/articles/view/200-reports-of-domestic-violence-on-elderly-in-2020.879377
[3] https://www.un.org/development/desa/ageing/wp-content/uploads/sites/24/2021/06/2021.05.31-Concept-note-WEAAD-2021-Access-to-Justice.pdf
[4] https://mt.approby.com/kif-tidentifika-tipi-ta-abbuz-tal-anzjani-u-nuqqas-ta-nuqqas/

partikolari, il-pandemija kompliet titfa' dawl fuq rapporti ta' abbuż u negliġenza ta' persuni anzjani, partikolarment f'istituzzjonijiet ta' kura fit-tul u fil-komunità.[5]

Kien propju għalhekk li din is-sena t-tema magħżula minn Nazzjonijiet Uniti kienet 'L-Aċċess għall-Ġustizzja'.[6] It-tema ta' din is-sena sservi bħala tfakkira tal-importanza li jiġu indirizzati bis-sħiħ il-ħtiġijiet ta' persuni anzjani li jistgħu jfittxu rikors. Persuni anzjani li esperjenzaw sitwazzjonijiet ta ' vjolenza, abbuż u negliġenza spiss jiffaċċjaw ostakli fl-aċċess għal rimedji ġudizzjarji bħal kwistjonijiet ta' aċċessibilità, affordabbiltà, akkomodazzjoni raġonevoli, dewmien eċċessiv u xogħol b'lura fi proċessi ġudizzjarji.

L-Aċċess għall-Ġustizzja jħalli impatt fuq l-abbiltà tal-anzjani li jeżerċitaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali tagħhom inkluż id-dritt għas-saħħa, protezzjoni soċjali adegwata u li jgħixu b'dinjità.

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (l-NCPE) taħdem sabiex tħares l-ugwaljanza għall-anzjani fl-impjiegi, fl-edukazzjoni, kif ukoll fejn jidħlu banek u istituzzjonijiet finanzjarji.[7] Barra minn hekk, l-NCPE toħloq kampanji ta' għarfien u tagħti sessjonijiet ta' taħriġ lill-partijiet interessati sabiex tippromwovi r-rwol essenzjali tan-nisa u l-irġiel anzjani fis-soċjetà.

Fl-2015, l-NCPE għamlet riċerka bl-isem ta' '*Violence on Older Women and Men – A Qualitative Perspective'* (Il-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Irġiel Anzjani – Perspettiva Kwalitattiva).[8] F'din ir-riċerka, fost dawk kollha intervistati, in-negliġenza kienet imsemmija bħala waħda mill-forom ewlenin ta' abbuż fuq l-anzjani. Dan it-tip ta' abbuż huwa l-iktar assoċjat mal-qraba tal-anzjani, madankollu, dawk li jieħdu ħsieb id-djar tal-komunità u d-dajr residenzjali ssemmew ukoll bħala wħud mill-aggressuri.

Ħafna mill-vittmi intervistati qatt ma rrappurtaw l-abbuż prinċipalment minħabba nuqqas ta' fiduċja li se tittieħed l-azzjoni meħtieġa. Raġunijiet oħra għal nuqqas ta' rappurtar jinkludu l-

[5] https://www.un.org/development/desa/ageing/world-elder-abuse-awareness-day/2021-2.html
[6] https://www.un.org/development/desa/ageing/world-elder-abuse-awareness-day/2021-2.html
[7] https://ncpe.gov.mt/en/Pages/About_Us/NCPE-Remit.aspx
[8] https://ncpe.gov.mt/en/Documents/Projects_and_Specific_Initiatives/Forms%20of%20Violence/Report%20-%20Violence%20Elderly.pdf

biża' li jispiċċaw bla dar, sabiex jipproteġu lit-tfal, biża' li jispiċċaw bla flus, minħabba nuqqas ta' fiduċja fis-sistema, u minħabba l-imħabba li l-vittmi għandhom lejn l-aggressur tagħhom.

Għaldaqstant, dan il-jum għandu jservi sabiex inqajmu l-għarfien neċessarju fost l-organizzazzjonijiet u l-komunitajiet ikkonċernati biex jieħdu azzjoni kontra l-abbuż fuq l-anzjani permezz ta' leġiżlazzjoni u politika li jipproteġu l-anzjani vulnerabbli.

*Għal aktar informazzjoni tista' tagħmel kuntatt mal-NCPE fuq 2295 7850 jew billi tidħol fuq il-websajt www.ncpe.gov.mt*

**11 ta' Ġunju 2021**